

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10807 – VIASAT / INMARSAT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 14/06)

1. Fid-9 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (').

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Viasat, Inc. (“Viasat”, l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Inmarsat Group Holdings Limited (“Inmarsat”, ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Connect Topco Limited (“Connect Topco”, Guernsey).

Viasat se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll esklużiv ta’ Inmarsat.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

Il-konċentrazzjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni mill-Kummissjoni Spanjola tas-Swieq Nazzjonali u tal-Kompetizzjoni (“CNMC”) skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Ir-referenza kienet sussegwentament ingħaqdu magħha l-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, France, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, in-Norveġja, ir-Rumanija u l-Isvezja.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Viasat: kumpanija li hija kkwotata fil-borża u li tipprovi servizzi ta’ komunikazzjonijiet bidirezzjonal globalment bbażati fuq is-satellita, u hija s-sid u thad-diem erba’ satelliti ġeostazzjonarji li jduru mad-dinja. Viasat għandha tliet segmenti kummerċjali prinċipali: servizzi bis-satellia, networks kummerċjali u sistemi tal-gvern,
- Inmarsat: Kumpanija b'ishma privati li toffri servizzi ta’ komunikazzjonijiet bidirezzjonal globalment ibbażati fuq is-satellita u hija s-sid u tħaddem 15-il satellita ġeostazzjonarja li jdur mad-dinja. Inmarsat hija organizzata f'erba’ unitajiet kummerċjali: il-marittimu, il-gvern, l-avazzjoni u l-intrapriżza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li Ir-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10807 – VIASAT/INMARSAT

(') ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
